**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 5 ta' Ottubru 2016**

**App. Nru. 507/12 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Vassallo**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Joseph Vassallo, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 544951(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer, fis-snin 2006 u 2007, ġewwa Wied il-Għajn, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmulin b'risoluzzjoni waħda:

(1) b'għemil żieni, ikkorrompa lil *omissis* meta għandha anqas minn tnax-il sena, liema reat sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-eta` ta' tnax-il sena u b'qerq;

(2) fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi, bla ordni skond il-liġi ta' awtorita` kompetenti u barra mill-każijiet li fihom l-liġi tagħti s-setgħa lil privat li jarresta

lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lill-imsemmija minuri *omissis* kontra l-volonta` tagħha, u dan bħala mezz biex l-imsemmija minuri tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha;

(3) ikkommetta attentat vjolenti għall-pudur fuq l-istess minorenni *omissis*;

(4) offenda l-pudur jew il-morali, b'egħmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku.

Il-Qorti ġet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imsemmi Joseph Vassallo milli javviċina lill-persuna u r-residenza tagħha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

F'kaz ta' ħtija l-Qorti kienet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta` tal-persuna involuta u l-familja tagħha ai termini ta' l-artikolu 382A et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**2.** Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-22 ta' Settembru 2008 (inserita a fol. 88 tal-atti proċesswali) fejn huwa deherlu li tista' tinstab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub fl-artikoli 18, 86, 87, 203, 207, 209, 533 tal-Kodiċi Kriminali;

**3.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mogħtija fis-26 ta' Ottubru 2012 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 86, 87(1)(g) u 203 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Joseph Vassallo ħati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet miġjuba fil-konfronti tiegħu u kkundannatu erba'(4) snin priġunerija. Stante li t-tielet (3) imputazzjoni ngħatat bħala alternattiva għat-tieni (2) [*recte:* l-ewwel] imputazzjoni li tagħha l-istess Joseph Vassallo nstab ħati l-ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni. Inoltre l-ewwel Qorti ddikjaratu mhux ħati tar-raba'(4) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjoni. Dik il-Qorti, wara li rat il-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex l-istess Joseph Vassallo jitniżżel fuq ir-Reġistru ndikat fl-imsemmi Att u għal dan il-għan ordnat li kopja tas-sentenza tiġi komunikata lill-imsemmi Reġistratur. Ordnat ukoll id-divjiet tal-publikazzjoni ta' isem il-minuri u tal-familja tagħha fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni u dan sabiex tipproteġi l-identita` tal-istess minuri. B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti inoltre ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni għall-perijodu ta' tliet (3) snin li jibdew jiddekorru mid-data li l-istess Joseph Vassallo jispiċċa jiskonta l-piena karċerarja, fejn il-persuni protetti huma *omissis* u l-konjugi *omissis* u *omissis*.

**4.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Vassallo ppreżentat fis-7 ta' Novembru 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tħassar is-sentenza u tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tiddeċiedi hi l-kawża fuq il-mertu a tenur tal-artikolu 428(3); (2) alternattivament, tirriforma s-sentenza billi tikkonferma l-liberazzjoni tiegħu mir-raba' imputazzjoni u ma tiħux konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni u ma ssibux ħati u tilliberah mill-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet stante nuqqas ta' provi fil-grad rikjest mil-liġi; (3) fi kwalunkwe każ tirrevedi l-piena mogħtija għal waħda aktar xierqa u li tirrifletti aktar ċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ ;

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; rat it-traskrizzjonijiet tax-xiehda; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** Permezz ta' l-ewwel aggravju l-appellant isostni li s-sentenza appellata hi nulla ai termini ta' l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali. Huwa jgħid:

> "A. Illi l-appellant ihossu aggravat ghaliex l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fil-parti dispozittiva tas-sentenza ccitat l-Artikolu 203 fil-generalita` tieghu biss u ghalhekk ma giex indikat liema sub-artikolu jew sub-artikoli qed japplikaw ghar-reat in kwistjoni. Illi inoltre, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet (3) imputazzjoni stante illi t-tielet (3) imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghat-tieni (2) imputazzjoni. L-Onorabbli Qorti fis-sentenza ta' l-ewwel istanza erronjament indikat it-tieni (2) imputazzjoni stante illi t-tieni imputazzjoni tirreferi ghall-arrest illegali u mhux ghar-reat ta' attentat ghall-pudur bi vjolenza u ghalhekk l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ma kinitx cara u korretta f'dan ir-rigward. Illi dawn in-nuqqasijiet jimportaw n-nullita` tas-sentenza appellata u dan ai termini tal-Artikolu 382 fejn l-istess artikolu jiddisponi illi l-Onorabbli Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat ghanda ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali u l-fatti li taghhom dan ikun jinstab hati. Illi dan necessaijament ifisser illi hemm nuqqas ta' formalita` essenzjali u ghalhekk l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghandha thassar is-sentenza u tiddeciedi hi l-kawza fuq il-mertu a tenur tal-Artikolu 428(3)".

**7.** Dwar dan l-aggravju kemm l-appellant kif ukoll l-Avukat Ġenerali ppreżentaw noti fejn irreferew għal xi każistika.

**8.** Issa, skond l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tal-Magistrati, **"meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat"**.

**9.** Skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti, in-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita` tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita`

sostanzjali fis-sens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali. F'kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata[1].

**10.** L-ewwel ilment ta' l-appellant taħt dan l-aggravju hu li, fil-parti dispożittiva tas-sentenza, l-ewwel Qorti semmiet l-artikolu 203 tal-Kodiċi Kriminali biss mentri jmissha rreferiet għall-artikolu 203(1)(a). Huwa minnu illi fil-parti dispożittiva tas-sentenza l-ewwel Qorti rreferiet għall-artikolu 203 mingħajr ebda referenza għas-subartikolu (1) u l-paragrafu (a). Iżda l-appellant ma jistax jilmenta li ma jafx ta' x'hiex instab ħati peress illi proprju fis-sentenza appellata fl-aħħar tal-kunsiderazzjonijiet dwar l-ewwel imputazzjoni (dik ta' korruzzjoni ta' minorenni), l-ewwel Qorti qalet: "L-imputat sejjer għalhekk jinstab ħati tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni bl-aggravju kontemplat fl-artikolu 203(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali". Għalhekk, għalkemm l-ewwel Qorti jmissha reġgħet semmiet is-subartikolu (1) u l-paragrafu (a) anke fil-parti dispożittiva, ma jfissirx illi s-sentenza appellata għandha tiġi dikjarata nulla. Wara kollox, meta semmiet l-artikolu 203 kienet qed issemmi l-artikolu li jikkontempla r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Is-sentenzi li rrefera għalihom l-appellant fin-nota tiegħu ma jbiddlu xejn minn din il-konklużjoni.

**11.** It-tieni lment ta' l-appellant hu li, filwaqt illi l-ewwel Qorti qalet li kienet qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet (3) imputazzjoni stante illi t-tielet (3) imputazzjoni ingħatat bħala alternattiva għat-tieni (2) imputazzjoni, din it-tieni imputazzjoni tirreferi għall-arrest illegali. Issa, jekk wieħed iqis l-imputazzjonijiet oriġinali kif dedotti mill-Pulizija Eżekuttiva, allura r-reat ta' arrest illegali jinsab indikat bħala t-tieni imputazzjoni. Mill-banda l-oħra, jekk wieħed iħares lejn in-nota għar-rinviju tal-ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali, din in-nota, tiċċita l-artikoli b'din is-sekwenza: 18, 86, 87, 203, 207, 209, 533 tal-Kodiċi Kriminali. Jiġifieri l-artikolu li jirrigwarda r-reat ta' arrest illegali (l-artikolu 86) ġie ċitat qabel dak ta' korruzzjoni ta' minorenni (l-artikolu 203). U hija b'din l-ordni li l-ewwel Qorti ttrattat is-sentenza tagħha; cioe` l-ewwel ittrattat ir-reat ta' arrest illegali mbagħad dak ta' korruzzjoni ta' minorenni. Mela l-ewwel Qorti kienet korretta meta qalet li kienet qed tqis it-tielet imputazzjoni bħala alternattiva għat-tieni imputazzjoni. Inoltre m'hemm l-ebda dubju dwar x'kellha f'moħħha l-ewwel Qorti peress illi fil-konsiderazzjonijiet tagħha tgħid li "una volta li qed tinstab ħtija taħt l-Artikolu 203 ma tistax tinstab ħtija wkoll taħt l-Artikolu 207 u l-Qorti sejra għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni."

---

[1] Ara l-Appelli Kriminali fl-ismijiet: **Il-Pulizija v. Donald Cilia**, 24 ta' April 2002; **Il-Pulizija v. Benjamin Muscat**, 28 ta' Gunju 2002 u 10 ta' Lulju 2002; **Il-Pulizija v. Joseph Zahra**, 9 ta' Settembru 2002; **Il-Pulizija v. Paul Cachia**, 25 ta' Settembru 2003; **Il-Pulizija v. Mark Portanier**, 14 ta' Settembru 2004; **Il-Pulizija v. John Axiaq et**, 19 ta' Mejju 2005; **Il-Pulizija v. Stefan Abela**, 2 ta' Frar 2006; **Il-Pulizija v. Anthony Borg**, 1 ta' Gunju 2006.

**12.** Għal dawn ir-raġunijiet l-ewwel aggravju hu miċħud.

**13.** L-aggravji ta' l-appellant fil-mertu huma s-segwenti:

> "B. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant ihossu aggravat bid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ghaliex meta kkunsidrat ix-xhieda tal-kaz in kwistjoni skartat certa kontradizzjonijiet u inkonsistenzi fix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni u ghalhekk, l-appellant ma setax jigi misjub hati fuq provi fi grad rikjesti mil-ligi fil-kamp kriminali. Il-kazistika nostrana dejjem sahhqet illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell ma' tiddisturbax il-provi ta' l-Ewwel Qorti gialadarba dawn il-provi jkunu sufficjenti sabiex l-Ewwel Qorti tasal ghal-konkluzjoni illi tkun waslet ghaliha. Issir referenza fir-rigward ta' dan fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fi-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmel Azzopardi**[2] fejn jigi mtenni illi:
>
> "*'Issa hu principju ormai stabbilit fil-Gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appell minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti, jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni li waslet ghaliha.*
>
> "*'Fi kliem iehor din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma setghetx ragonevolment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha allura din tkun raguni valida jekk mhux ghad-direttura impellenti sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni (ara fost ohrajn 'Il-Pulizija vs Raymond Psaila et' 12 ta' Mejju 1994).'*
>
> "Illi bir-rispett kollu, l-appellant jissottometti illi l-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha u ghalhekk kellu jirrikorri ghal din l-Onorabbli Qorti tal-Appell;
>
> "C. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ghalkemm l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ikkunsidrat fit-tul il-fatti x-xhieda tal-omm l-allegata vittma, *omissis 1*, ix-xhieda tal-allegata vittma, *omissis*, u x-xhud *ex parte* Dr. Roberta Attard, hija ghamlet apprezzament hazin tal-istess provi, hekk kif ser jigi spjegat iktar 'l isfel. L-Onorabbli Qorti tal-Magistrati irrizultalha illi l-omm tal-allegata vittma saret taf bl-allegat abbuz f'Gunju ta' l-2007 meta t-tifla taghha giet lura mill-iskola u spjegatilha illi kellhom kors tas-Sedqa u qaltilha li hija kien gralha bhal wiehed mill-karattri u cioe` l-fenek li gie abbuzat sesswalent. Dan l-allegat abbuz sehh meta t-tifla kienet fil-Year Two u meta kienet tkun fid-dar tan-nanniet meta kien ma jiflahx in-nannu, u meta kien izuru l-appellant. Gie spjegat illi t-tifla ma

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, mill-Onor. Imhallef Dr. Michael Mallia LL.D, fl-1 ta' Marzu, 2012, Appell Nru. 127/2011

fethitx qalbha mill-ewwel u kien proprju meta kellmet lil ta' l-Appogg u bdiet tehodha ghand il-psikologa illi hija fethet qalbha dwar l-allegat abbuz mill-appellant. Jigi kkunsidrat illi l-abbuz sehh fl-ghalqa biswit id-dar u fil-kamra tal-kewba fejn 1-appellant allegatament miss lit-tifla fil-*private part* taghha minn fuq il-*panty* u kif ukoll hareg il-parti tieghu u gieghlha tmissha b'idejha;

"D. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-appellant ihossu aggravat ghaliex filwaqt illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati dahlet fid-dettal fix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni, fil-verita` ma harsitx bir-reqqa lejn id-diskrepanzi kollha li jirrizultaw minn ezami akkurat u dettaljat tal-process. Kif ser jigi spjegat f'aktar dettal fit-trattazzjoni, jirrizultaw fost ohrajn is-segwenti inkonsistenzi:

a. L-ewwel nett fir-rigward tad-data ta' meta 1-omm kienet infurmata minghand it-tifla b'dak li gara. Filwaqt li *omissis 1* tikkonferma fix-xhieda taghha illi t-tifla taghha kienet infurmata b'dak li gara ghall-habta ta' Gunju ta' l-2007, ir-rapprezentanta ta' Sedqa tghid illi l-omm kienet ghamlet ir-rapport f'Awwissu ta' l-2007 u fil-fatt fir-rapport datat 5 ta' Settembru 2007 (fol 83) jigi osservat illi: *waqt din iz-zjara gewwa l-Agenzija Appogg is-sinjura omissis 1 spjegat li madwar sena ilu it-tifla taghha kienet qaltilha li gewwa l-iskola taghha kienu marru professjonist mill-Agenzija Sedqa...'.* Wiehed allura jistaqsi jekk it-tifla kinitx irrakkuntat lil ommha b'dak li gralha f'Gunju ta' l-2007 hekk kif qalet 1-omm quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, jew inkella sena qabel ma hija ghamlet ir-rapport lis-Sedqa u cioe` ghall-habta ta' Settembru ta' l-2006. Illi skond ir-rapport ta' l-Agenzija l-omm kienet infurmathom li s-sinjura *omissis 1* kienet hadet lit-tifla taghha ghand psikologa Dr. Roberta Attard u ziedet tghid illi skond Dr. Attard il-minuri, wara t-terapija kienet tinsab f'pozizzjoni li tixhed dwar l-abbuz li allegatament garrbet. Illi l-psikologista tispjega kif it-tifla damet sabiex tkellmet fuq l-abbuz ghaliex hija ma setghetx u kien damet madwar ghaxar sessjonijiet sabiex hi tkun tista' tghid li kellha tghid (a fol. 105). L-omm tikkontendi illi m'ghamlux ir-rapport mill-ewwel ghaliex xtaqu li s-sahha tat-tifla tigi l-ewwel Jekk iz-zmien li saret taf bil-fatti l-omm kienet proprju ghall-habta ta' Settembru 2006 wiehed ma jistax ma jistaqsix kif kellu jghaddi daqshekk zmien, u cioe` aktar minn sena u ghaxar sessjonijiet mal-psikologa (li ppreparawha biex tixhed), sabiex eventwalment sar ir-rapport.

b. It-tieni nett, fir-rigward ta' meta t-tifla rrakkuntat kollox lill-omm. L-Onorabbli Qorti tal-Magistrati taghmel referenza ghall-fatt illi hija bdiet tiftah qalbha meta bdiet tmur ghand ta' 1-Appogg u ghand is-pyschologist. L-omm mhijiex konsistenti fix-xhieda taghha ghaliex a fol. 12 hija tghid illi t-tifla spjegatilha l-fatti u ftit aktar l-isfel tghid li damet biex fethet qalbha u tikkonferma illi l-fatti ma kinitx semghethom minghand it-tifla imma kienet semghethom wara minghand il-pyschologist. Fil-fatt it-tifla stess fix-xhieda taghha tikkontradixxi dak li tghid l-omm ghaliex hija tghid li kienet irrakontat kollox lill-mama` (a fol. 19) u dan jigi wkoll ikkonfermat mix-xhud Josephine Gauci (a fol. 74) u ir-rapprezentanta tal-Appogg Rodianne Borg (a fol. 79 u a fol. 111).

"C. It-tielet nett, jezistu wkoll divergenzi bejn il-mod kif gew rakkontati l-allegati episodji li sehhew. L-omm a fol. 12-13 tispjega kif meta r-ragel t'ohtha mar il-boghod, l-appellant dahhal it-tifla gol-kamra li hemm fl-ghalqa, ghollielha d-dublett u missilha l-parti genitali taghha, nizzel iz-zip tal-qalziet tieghu u hareg il-

parti tieghu u qabbad lit-tifla biex tipprova tmissu. Mill-banda l-ohra x-xhieda ta' Josephine Gauci tikkontradixxi dan ghaliex tghid li 1-appellant kien jibghat lill-kugin tat-tifla '1 barra taparsi qed jilaghbu (a fol. 74) u indikat illi huwa kien imissilha l-*private part* taghha jew minn fuq il-*panty* jew gieli minn taht. Illi r-rapport tal-Appogg ikompli jqanqal id-dubbju ghaliex meta tkellmu mat-tifla hija qalet li l-appellant kien allegatament ghollielha d-dublett, nizzlilha l-*panty* u li beda jmissilha l-parti privata taghha, u t-tifla spjegatilhom ukoll li hareg il-parti tieghu minn bejn ix-shorts (a fol. 80). Wiehed irid janalizza wkoll ix-xhieda li l-minuri tat waqt il-proceduri fejn ma ftakritx x'kienet liebsa. Hija ghall-mistoqsija jekk missilhiex il-*private part* minn fuq il-*panty* l-ewwel twiegeb fil-pozittiv u mbaghad terga' tghid li ma kinitx certa jekk hux fuq il-laham (a fol. 29). Wiehed minn din il-gabra ta' rakkonti jistaqsi jekk it-tifla kinitx tinsab fil-kamra tar-razzett jew jekk kienx l-appellant li allegatament sejjhilha biex tmur mieghu, jekk il-kugin sejjahlux zijuh, jew inkella keccihx 'il barra l-appellant, jekk l-appellant messilhiex l-*private part* taghha minn fuq il-*panty*, jew oltre fost ohrajn.

"Illi ghalhekk l-appellant qatt ma seta' jigi misjub hati ghaliex il-grad ta' prova rikjesta mil-ligi ma gietx sodisfatta u kull dubju ghandu jimmilita favur l-istess appellant.

"E. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ma kinitx korretta meta ikkonkludiet li kien hemm koerenza fir-rakkont tat-tifla u li d-dettalji li ma qablux kienu insinifikanti. Illi l-Onorabbi Qorti fil-fatt qalet li kienet konvinta illi lil hinn minn kull ebda dubbju meta hija rat il-*video recording* tax-xhieda moghtija mill-minuri u setget tikkonstata l-komportament taghha meta xehdet f'dawn il-proceduri u kien biss wara li rat *ir-rakkont identiku fil-fatti* ***importanti*** *u rilevanti ghal dak li qalet lill-psikologa u lil ommha, m'ghandha ebda dubju mill-kredibilta` ta din ix-xhud u li dak li qed tghid jirrifletti dak li effitivament sehh.* Illi ta' min wiehed jinnota illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ma kellha ebda rapport ta' psikologu mqabbad minnha dwar il-kundizzjoni tat-tifla u ghalhekk ma kellhiex rapport oggettiv li seta' jikkonstata dak li rrakkontat it-tifla. Mix-xhieda tal-omm (a fol. 11) jirrizulta illi l-omm stess gieli kienet wissiet lit-tifla rigward dawn l-affarijiet, izda kien biss wara dan il-kors li t-tifla ddecidiet li titkellem. Illi ghall-grazzja tal-argument dato non concesso t-tifla setghet kienet konxja mill-gravita` ta' tali allegati atti u l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati waslet ghall-konkluzjoni erronja meta kkonstatat illi: *ghalkemm iddejqet f'dak il-mument ma kinitx konxja mill-gravita` taghhom u kien biss wara li marru l-iskola n-nies mis-Sedqa li hija fehmet aktar il-portata ta' dak li kien gralha u kien ghalhekk biss f'dan l-istadju li hija bdiet thoss l-effett psikologiku ta' dak li kien gralha propju ghaliex fehmet ahjar li dawn l-affarijiet m'ghandhomx jigru.* Illi l-appellant umilment jissottometti illi hemm dubbju li jirrizulta mill-provi tal-prosekuzzjoni stess u ghalhekk qatt ma seta' jinstab hati ta' dak lilu allegat.

"F. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-appellant umilment ihoss illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati meta waslet ghad-decizjoni taghha ma tatx il-kunsiderazzjoni xierqa meta strahet biss fuq l-inkartament tal-process. L-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ma kinitx semghet u rat lill-appellant jixhed fuq il-pedana tax-xhieda stante illi kienet Qorti diversament presjeduta illi ghamlet dan. Illi ghalkemm l-appellant ma kellux l-obbligu li jixhed huwa ghamel dan minn

jeddu u sahansitra ghadda minn kontro-ezami serrat. A contrario tal-allegata vittma, l-appellant ma kellux l-opportunita` illi jigi rekordjat permezz tal-*video* u ghalhekk l-Onorabbli Qorti ma kellhiex il-mezz illi tara kif l-appellant kien spjega dak li verament gara u ghalhekk qatt ma setghet tqabbel il-kompartament tieghu ma dak li xehed u jekk kienx qed jghid il-verita` jew oltre, haga li setghet taghmel biss l-Onorabbli Qorti diversjament preseduta. Fil-fatt kien hemm mumenti fejn l-appellant beda juri bil-mossi biex jispjega ahjar lilu nnifsu, izda l-Onorabbli Qorti li waslet ghad-decizjoni finali ma setghet tanalizza xejn minn dan;

“G. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant ihossu aggravat mid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati ghaliex din skartat l-istess xhieda tieghu li tirrizulta mill-process fejn jispjega ripetutament illi huwa cert illi m’ghamel xejn lit-tifla. A fol. 133 ghall-mistoqsija tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati jekk kienx ghamel xi atti libidni huwa jghid hekk: *le, le, le...* u jaghti r-raguni li huwa *ma nhossx li ghandi naghmel. Ghax jiena jekk nigi biex naghmel xi haga dawn 1-affarijiet li hija taht li suppost taghmilhom dawn l-affarijiet, ser nigi lejn rispett lit-tifla, nigi bhal speci ghandi li - lejn nannuha meta dejjem gabuli rispett, lejn il-pulizija, lejn il-genituri. Mela dawn l-affarijiet ser naghmilhom jien bl-addocc? Mela dawn l-affarijiet hekk jiena? Dawk kienu qishom uliedi dawk it-tfal, kont nerfaghhom u dana.* Ghalkemm l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kkunsidrat ix-xhieda tal-appellant, tali xhieda giet ezaminata b’mod skorrett fejn inghad illi *‘Huwa cahad li qatt kien ghamel l-affarijiet li rrakkuntat it-tifla izda mbaghad proceda sabiex jaghti rakkont pjuttost konfuz dwar kif kien hemm xi okkazjonijiet meta huwa refa’ lit-tfal fejn l-ewwel jghid li kien jaqbadhom minn qaddhom imbaghad wara ftit jghid li kien jaqbadhorn minn bejn saqajhom.’* Din hija interpretazzjoni erronja ghaliex jekk wiehed jaqra x-xhieda tal-appellent b’mod akkurat, jirrizulta li x-xhud kien cahad dan kollu u l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati diversament ghamlet kull mezz sabiex ix-xhieda tieghu tkun cara fejn fil-fatt l-istess Onorabbli Qorti tghid: **pero` mija fil-mija - jorbot idejh quddiem, jaghmilhom fuq rasu biex imbaghad it-tfal ikunu jistghu jiddendlu ma dirghajh. (fol. 142)** u 1-appellant iwiegeb: *Hekk vera, dik.* Fil-fatt ghad-domanda tal-prosekuzzjoni: *jigifieri inti ma intix tiftakar illi inti kont illi ghidtli illi omissis qbadtha mill-parti privata taghha u erfajtha?* ***Le, le, mhux mill-parti ... mela jiena ha noqghod nabbuza b’dawk l-affarijiet il-parti*** (fol. 142). Il-prosekuzzjoni kienet pruvat taghmel kummenti zlejali, izda l-appellant kontinwament idderiga u spjega lill-Qorti ghal-liema episodji kien qed jirreferi u kellu kontinwament jaghmel hekk ghaliex il-prosekuzzjoni kienet qed tipprova tizgwidah, liema appellant ghazel li jixhed sabiex jipprova l-innocenza tieghu fejn huwa cahad kategorikament u kontinwament dak li kien qed jipprova jigi allegat lilu.

“H. Illi minghajr pregudizzju meta l-Qorti tal-Magistrati ghamlet il-konsiderazzjonijiet finali hija ma wiznitx ix-xhieda li giet prodotta mid-difiza. L-Onorabbli Qorli tal-Magistrati ma kkunsidratx ix-xhieda ta’ Anthony Zerafa u John McKay li kienu s-supervisors. John McKay (a fol. 169) jixhed kif l-appellant kien fetah qalbu l-ghada li gie interrogat *‘jiena kont immur nara bniedem marid kien habib tieghi... u minn fuq qalghu qlajja fuqi.’* Lanqas ix-xhieda ta’ Mr. Joseph Debono, Mary Debono u Susan Lia ma giet ikkunsidrata. Illi x-xhieda prodotta mill-appellant kienet tikkonsisti f’diversi persuni li

kkorroboraw dak li sostna l-appellant u certament qajjmet dubbju mill-aktar ragonevoli u ghalhekk il-grad rikjest mil-ligi sabiex l-appellant seta' jinstab hati qatt ma seta' jintlahaq;

"I. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant ihossu aggravat fis-sejbien ta' htija tal-ewwel akkuza u t-tieni akkuza ghaliex l-Onorabbli ma setghetx issib lill-appellant hati ghaliex tali reati ma gewx ippruvati lil hinn minn kull ebda dubju ragonevoli. Ghalhekk l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ma kinitx korretta meta kkonkludiet illi l-appellant kellu jinstab hati ghaliex kien gie ppruvat illi zamm lill-minuri kontra l-volonta` taghha u lanqas ma kienet korretta meta kkonkludiet illi kien gie ppruvat illi jezistu kemm l-element materjali u kif ukoll r-rekwiziti essenzjali tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni."

**14.** Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti. Kwantu għall-fatt li, skond l-appellant, hemm diverġenzi jew inkonsistenzi fil-provi, ġie diversi drabi ritenut li mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata.

**15.** Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi kollha miġjuba quddiem l-ewwel Qorti, kemm dawk tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiża, inkluża x-xiehda ta' l-appellant stess. Ix-xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni hija l-minorenni stess, *omissis*, li rrakkontat l-abbuż li, skond hi, twettaq fuqha. Mill-banda l-oħra l-appellant ċaħad li għamel dak li tgħid il-minorenni.

**16.** Apparti li ċerti inkonsistenzi jew kontradizzjonijiet huma biss apparenti, mhumiex tali illi ma jħallux lill-ġudikant raġjonevolment u legalment jasal għal konklużjoni.

**17.** Hekk mix-xiehda tal-minorenni jirriżulta preċiżament meta seħħew l-inċidenti li hija tiddeskrivi, u cioe` qabel il-preċett li għamlet fis-sena 2006. Ma tkellmitx mill-ewwel dwar l-inċidenti u kien biss wara informazzjoni li ngħatat lit-tfal tal-klassi minn rappreżentanti ta' l-Aġenzija SEDQA li tkellmet ma' ommha. Jiġifieri madwar sena wara. *Omissis I* tgħid li dan kien f'Ġunju 2007. Skond Rodianne Borg *omissis I* irrapportat lill-Aġenzija APPOĠĠ fit-3 ta' Awwissu 2007, u f'laqgħa li seħħ fit-22 ta' Awwissu 2007 qaltilha li l-minorenni kienet infurmatha sena qabel, iżda dejjem wara l-laqgħa informattiva tas-SEDQA.[3] Kien meta kien li l-minorenni nfurmat lil ommha, jidher li *omissis I* ħadet lil bintha għand il-psikologa Dr Roberta Attard li rrilaxxjat rapport fit-28

[3] Naturalment, x'qalet Rodianne Borg li qaltilha *Omissis I* huwa *hearsay*.

ta' Settembru 2007. Il-minorenni mbagħad għamlet *statement* lill-Pulizija fid-19 ta' Ottubru 2007.[4] Mela t-*time frame* ta' kif ġraw l-affarijiet qiegħed hemm.

**18.** Dwar meta omm il-minorenni saret taf id-dettalji kollha, minn qari akkurat tax-xiehda tagħha jidher ċar illi hija saret tafhom wara li kienet ħadet lil bintha għand il-psikologa. L-inkonsistenza li jirravviża l-appellant hi biss minħabba s-sekwenza ta' kif tirrakkonta l-affarijiet *omissis I.*

**19.** Dwar diverġenzi bejn il-mod ta' kif ġew rakkontati l-episodji, l-aktar xiehda importanti hija dik tal-minorenni stess. X'jgħidu x-xhieda l-oħra huwa, wara kollox, *hearsay*.

**20.** Din il-Qorti eżaminat akkuratament ix-xiehda kollha, u b'mod partikolari ix-xiehda traskritta tal-minorenni u ta' l-appellant. Hija tal-fehma li l-minorenni hija kredibbli filwaqt illi l-appellant għamel biss tentattiv biex ipinġi l-episodji li tirrakkonta l-minorenni b'ilwien innoċenti. Din il-Qorti ma setgħet issib l-ebda raġuni li kellha twassal lill-minorenni sabiex tigdeb dwar l-appellant. Hija ħaġa normali li minorenni, speċjalment ta' l-eta` tenera li kienet *omissis*, ma tirrejalizżax mill-ewwel li ċerti atti huma meqjusa bħala *atti di libidine*. Huwa ferm verosimili li rrejalizżat dan biss wara li l-affarijiet ġew spjegati f'laqgħa informattiva ma' rappreżentanti tas-SEDQA fejn jintużaw anke stampi b'annimali – ħaġa li żgur, jekk kienet qaltilha xi affarijiet ommha, ma użatx. B'hekk kien aktar faċili għall-minorenni li tassimila dak li tirrakkonta li ġralha ma' dak li rat u ġie spjegat bl-użu ta' l-istampi. Huwa ferm verosimili wkoll illi ma tatx id-dettalji kollha lil ommha meta tkellmet l-ewwel darba u li kien biss wara numru ta' sessjonijiet mal-psikologa Dr Roberta Attard illi spjegat dawk id-dettalji.

**21.** Dwar xi inkonsistenzi fir-rakkont tal-minorenni din il-Qorti taqbel prefettament ma' dak li qalet l-ewwel Qorti fl-analiżi li għamlet tal-provi: **"tirriskontra ko-erenza fir-rakkont tat-tifla u anki jekk kien hemm xi dettalji li ma kinux jaqblu b'mod preċiż, il-Qorti jidhrilha li dawn kienu pjuttost insinifikanti u li n-nuqqas ta' qbil preċiż huwa dovut għall-eta` żgħira tat-tifla meta ġraw l-affarijiet. Wieħed ma jistax jippretendi preċiżjoni fid-dettal minn tifla ta' sitt snin. Il-Qorti jidhrilha li huwa normali li tifla ta' eta` daqshekk żgħira ma tiftakarx kollox fid-dettal u tista' għalhekk tvarja xi dettalji."** Inoltre mill-ġdid tirreferi għax-xiehda li tat quddiem l-ewwel Qorti u mnejn jirriżultaw l-*atti di libidine* kommessi fiż-żewġ episodji li tirrakkonta.

[4] Ara xiehda ta' S.M. 24 Josephine Gauci a fol. 73 – 74.

**22.** Kwantu għax-xhieda li pproduċa l-appellant, din il-Qorti ma tiddubita bl-ebda mod minn dak li qalu favur l-appellant u l-karattru tiegħu. Fl-istess ħin dan ma jxejjinx dak li rriżulta mix-xiehda tal-minorenni *omissis*.

2**3.** Għaldaqstant l-aggravji ta' l-appellant fil-mertu huma miċħuda.

**24.** L-aħħar aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena li jqis eċċessiva u nġusta. L-appellant jgħid li l-ewwel Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni żewg fatturi kruċjali u cioe` l-fedina penali netta tiegħu kif ukoll l-eta` tiegħu.

**25.** Mill-fedina penali ta' l-appellant jirriżulta, almenu *prima facie*, li b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tad-19 ta' Lulju 1968 kien instab ħati dwar pussess ta' arma tan-nar mingħajr liċenzja u li spara tali b'manjiera negliġenti, u ngħata *conditional discharge* għal perijodu ta' tnax-il xahar; imbagħad li b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-8 ta' Jannar 1980 instab ħati dwar sewqan ta' mutur bil-liċenzja mhux renovata u mingħajr numru tar-reġistrazzjoni, u ġie kkundannat Lm5 multa u Lm2 ammenda. Del resto l-fedina penali hi netta.

**26.** Kwantu għall-eta` tiegħu, ċertament l-eta` tiegħu meta kkommetta r-reati in kwistjoni kellu jkun fattur li jġiegħlu jirrejalizża li ma kellux jagħmel l-atti li tagħhom instab ħati.

**27.** Fil-mori ta' dan l-appell tqajmet kwistjoni ta' dewmien fil-proċeduri b'rikors tas-27 ta' Jannar 2015 fejn l-appellant talab li din il-Qorti tagħmel ordni ta' referenza kostituzzjonali. B'digriet tagħha tal-25 ta' Frar 2015, din il-Qorti ddikjarat li t-tqanqil tal-kwistjoni kostituzzjonali bir-rikors imsemmi hija vessatorja għall-finijiet u effetti kollha ta' l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 4(3) tal-Kap. 319, u konsegwentement ċaħdet it-talba sabiex issir referenza lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili kif mitlub fl-istess rikors.

**28.** Dwar il-kwistjoni tat-trapass taż-żmien, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nikola Farrugia et** mogħtija fit-2 ta' Ottubru 2002 qalet hekk:

> **"Issa apparti li kif gie spjegat aktar 'il fuq f'din is-sentenza l-appellanti jew uhud minnhom kienu huma stess il-kagun ta' parti miz-zmien li fih twal il-process, il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` kriminali tal-hati (ara: Ir-Republika ta' Malta vs Joseph Attard (24.7.2000) u Ir-Republika ta' Malta vs Joseph Attard u Angelo Attard (24.7.2000)).**
>
> **"Jista' pero` f'xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza 'Il-Pulizija vs Geoffrey Azzopardi' (29.1.2001)**

**ghalkemm f'din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti biex varjat il-piena ma kinux limitati biss ghal dik tat-trapass taz-zmien imma kienu wkoll bazati fuq motivazzjoni ohra.**

**"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz - u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra."**

**29.** Issa, iċ-ċitazzjoni kontra l-appellant ġiet ippreżentata mill-Pulizija Eżekuttiva fit-28 ta' Frar 2008 u l-proċeduri ġew inizjati fil-21 ta' April 2008. B'nota tat-22 ta' Settembru 2008, l-Avukat Ġenerali rrinvija l-atti għall-ġudizzju mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, b'dan illi qabel ma' dik il-Qorti ssaqsi jekk ir-rikorrent (allura imputat) għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja, il-Qorti għandha tisma' lil W.P.S. 24 u l-provi li fadal. W.P.S. 24 xehdet fil-25 ta' Mejju 2009 u l-aħħar xhieda tal-prosekuzzjoni ġew prodotti fis-27 ta' Ottubru 2009. Dakinhar inqraw l-artikoli u l-appellant iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Il-każ ġie differit għall-4 ta' Frar 2010 għall-provi tad-difiża. Dan l-istadju pperdura sat-2 ta' Novembru 2011. Dwar dan l-istadju, din il-Qorti ma tistax ma tissenjalax illi kien hemm żewġ differimenti li ntalbu mid-difiża stess (7 ta' Lulju 2010 u 16 ta' Settembru 2010), u differiment ieħor minħabba illi d-difensur ta' l-appellant irrinunzjat għall-patroċinju għax saret avukat fl-uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali (23 ta' Novembru 2010). Fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2011 (l-appellant kien issa ppatroċinat minn avukat ieħor) sar verbal fis-sens illi d-difiża kellha tipprovdi lista tax-xhieda lill-prosekuzzjoni, u l-kawża ġiet differita għall-4 ta' April 2011. Jidher illi l-lista ma ġietx provduta peress illi d-difiża ndikat min kienu dawn ix-xhieda proprju fis-seduta ta' l-4 ta' April 2011. Imbagħad saru xi seduti (12 ta' Mejju 2011, 9 ta' Ġunju 2011 u 20 ta' Ġunju 2011) sabiex jixhed il-konsulent kirurgu Mr Joseph Debono u kien biss fis-27 ta' Ġunju 2011 illi finalment xehed. It-trattazzjoni finali saret fit-2 ta' Novembru 2011 u l-każ differit għas-sentenza għas-7 ta' Frar 2012 u mill-ġdid għall-15 ta' Mejju 2012. Sadattant il-Maġistrat sedenti fil-Qorti tal-Maġistrati (il-Maġistrat Jacqueline Padovani) ġiet elevata għall-ġudikatura. Il-każ ġie assenjat lill-Maġistrat Audrey Demicoli li żammet seduta fil-11 ta' Lulju 2012 fejn sar verbal mill-prosekuzzjoni u d-difiża li kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' l-provi u li kienu qegħdin jaderixxu mat-trattazzjoni magħmula quddiem dik il-Qorti kif diversament presjeduta. Is-sentenza ngħatat fis-26 ta' Ottubru 2012 u ġie ntavolat appell mill-imsemmi Joseph Vassallo fis-7 ta' Novembru 2012. Saru s-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fil-5 ta' Diċembru 2013 u l-

appell ġie differit għas-sentenza għad-29 ta' April 2014, imbagħad l-20 ta' Ġunju 2014 iżda peress illi l-Imħallef sedenti fil-Qorti ta' l-Appell (l-Imħallef Lawrence Quintano) kien wasal biex jirtira, tħalliet għall-10 ta' Novembru 2014. Dakinhar il-każ inġab a konjizzjoni tal-Qorti kif issa presjeduta u waqt is-seduta d-difensur ta' l-appellant talab differiment biex jagħmel sottomissjonijiet ulterjuri. L-appell ġie differit għat-28 ta' Jannar 2015 u lejliet (fis-27 ta' Jannar 2015) ġie ppreżentat ir-rikors imsemmi fil-paragrafu preċedenti.

**30.** Fiċ-ċirkostanzi kif hawn fuq elenkati, din il-Qorti ma tistax tqis it-trapass taż-żmien bħala xi fattur li jista' jiġi kkunsidrat sabiex titnaqqas il-piena.

**31.** Mhuwiex normali li din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-liġi jew ma tkunx manifestament sproporzjonata meqjusa ċ-ċirkostanzi tal-każ. Il-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet ta' erba' snin priġunerija. Fil-każ in eżami l-piena applikabbli hi dik ta' priġunerija minn tliet snin sa sitt snin li, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, tista' titla' bi grad għal priġunerija minn erba' snin sa disa' snin jew b'żewġ gradi għal priġunerija minn ħames snin sa tnax-il sena. Għalhekk il-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet mhux biss entru l-parametri tal-liġi, iżda anke aktar lejn il-minimu possibbli.

**32.** Din il-Qorti ma tistax ma ssemmix ukoll li fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-ewwel Qorti kkunsidrat għal finijiet ta' piena kemm il-gravita` tar-reati li tagħhom l-appellant (allura imputat) instab ħati kif ukoll l-eta` tenera tal-vittma u l-fatt li l-appellant approfitta ruħu minn sitwazzjoni fejn il-familja tal-vittma kienu għaddejjin minn *stress* kbir minħabba l-marda ta' missierhom.

**33.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' Joseph Vassallo u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.